



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2011/2148(INI)

19.7.2011

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar 'lejn strateġija tal-Ispazju tal-Unjoni Ewropea għas-servizz' taċ-ċittadini
(2011/2148(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Artur Zasada

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li hemm bżonn ta' strateġija tal-ispazju tal-Unjoni Ewropea biex tiżgura li t-teknoloġija spazjali tikkontribwixxi b'mod sħiħ għal ġestjoni tat-traffiku iktar sikura u effiċjenti u l-kontroll tat-traffiku fil-modi kollha tat-trasport;
2. Ifakkar li s-settur tat-trasport għandu rwol ċentrali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u li ma jistax jinkiseb tkabbir sostenibbli mingħajr settur tat-trasport effiċjenti.
3. Jinnota li sal-lum is-seba' Kunsilli "Spazju" għamlu referenza inċidentali waħda biss għat-trasport fl-Ewropa u ma nġhatatx kunsiderazzjoni dettaljata lis-sinifikat tal-politika spazjali għat-trasport fid-deliberazzjonijiet tal-Kunsill "Spazju" kif rifless fil-konklużjonijiet tax-xogħlijiet tagħha;
4. Jenfasizza li Galileo u EGNOS huma strumentali fil-ħolqien ta' Ajru Uniku Ewropew u għall-iżvilupp ulterjuri tal-ġestjoni sikura u kosteffikaċi tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa u għaldaqstant jitlob biex jitwaqqaf kalendarju ambizzjuż u rigoruż flimkien ma' finanzjament stabbli għall-implimentazzjoni taż-żewġ programmi bħala prekondizzjoni għal tnedija f'waqtha tal-Ajru Uniku Ewropew, b'dan tal-aħħar ikun pass strateġiku indispensabbli lejn it-titjib tal-integrazzjoni Ewropea u t-tisħiħ tas-suq komuni Ewropew;
5. Jissottolinja li Galileo u EGNOS huma indispensabbli għall-ġestjoni tat-traffiku fit-toroq b'mod effiċjenti u sostenibbli għall-ambjent, sistemi tal-ġbir tad-drittijiet għall-użu tat-toroq, eCall u sistemi ta' traċċar f'ħin reali u takografi diġitali futuri;
6. Ifakkar fir-rilevanza tal-programm GMES għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport u tas-sigurtà tat-trasport, speċjalment fil-kuntest tat-trasport marittimu u tas-sorveljanza marittima;
7. Jenfasizza fuq l-importanza tal-involvement Ewropew biex tiġi żgurata s-sigurtà fl-ispazju permezz tas-Sistema Ewropea għall-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju kif ukoll fl-esplorazzjoni spazjali permezz tal-Istazzjon Spazjali Internazzjonali, peress li t-tnejn li huma, huma u jipproteġu l-infrastruttura spazjali kritika tal-Ewropa mir-riskju ta' kollizzjoni mal-inġenji spazjali jew mal-iskart spazjali u t-teknoloġija residwa li tirriżulta mill-esplorazzjoni spazjali, jistgħu jkunu ta' benefiċċju għas-setturi tat-trasport fid-Dinja, speċjalment l-avjazzjoni.